MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Numru. 891/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Ismail Khaled Issa Ayoub**

**Kumpilazzjoni Nru: 891/2013**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ismail Khaled Issa Ayoub, ta’ 19 –il sena, iben Khaled u Aisha nee’ Mashek, imwieled gewwa l-Libja nhar is-16 ta’ April, 1994, residenti gewwa l-Gzira, detentur ta’ Passaport Libjan b’numru 185280.

Akkuzat talli nhar il-15 ta' Settembru, 2013 ghall-habta ta' 03:00am gewwa San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Farawi Ashraf f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi.
2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb kontra Farawi Ashraf sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat l-artikoli 214, 218 u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-partijiet qablu li l-offiza sofferta minn Farawi Ashraf hija sfregju ai termini ta'l-artikolu 218(1)(b).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li kien hemm qbil bejn il-partijiet li tista' tinghata sentenza sospieza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 218(1)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sentejn

prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' erbgha snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------